# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 25 ta' Frar 2018

It-II Ħadd tar-Randan

Sena B

**Introduzzjoni**

Permezz tal-liturġija ta' dan it-Tieni Ħadd tar-Randan, ser inkomplu l-mixja tagħna f'dan iż-żmien hekk qawwi u qaddis. Il-liturġija llum tistedinna sabiex nitfgħu ħarsitna lejn il-wiċċ ta' Alla

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 22, 1-2.9a.10-13.15-18)

Abram wieġeb għas-sejħa ta' Alla minnufih għax emmen li Alla kien ser jibqa' miegħu l-ħin kollu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 115)

Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 31b-34)

Jekk Alla tana lil Ibnu l-waħdieni, żgur li mhux ser jinsiena.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 9, 2-10)

Meta Ġesù tbiddel f'sura glorjuża quddiem l-appostli tiegħu, wera li hu tassew l-Iben t'Alla.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**

Alla qed isjeħilna biex nimxu warajh u nkunu mimlija bil-kuraġġ li jagħtina hu. Din is-sejħa titlob ħidma u offerta kontinwa min-naħa tagħna.

Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Is-smigħ tal-Kelma t'Alla għandu jkun akkumpanjat mill-Ewkaristija li ssaħħaħna.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.